MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Mandat Numru. 665/2007/1

**Joseph Gauci bhala mandatarju ta` Mark Gauci msiefer**

**vs**

**Cammast Ltd (C5401)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat l-atti kollha fir-rikors.

Semghet lill-avukati jittrattaw.

Ikkunsidrat illi:

Ir-rikorrent odjern kien akkwista l-arja tal-fond li fuqu bena bid-dritt li jinfethu twieqi fuq il-plot 20, kif fil-fatt ghamel. Is-socjeta` intimata issa ser tizviluppa l-imsemmija plot 20.

Ir-rikkorent qed jittanta jimbixxi dan l-izvilupp a bazi tad-dritt tieghu imsemmi li jiftah twieqi.

Ikkunsidrat illi skond l-Art. 873:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

L-ezami li trid taghmel il-Qorti, biex taghti r-rimedju eccezzjonali tal-mandat ta` inibizzjoni irid jimmira lejn zewg elementi li l-Qorti trid tkun sodisfatta li jezistu mqar *prima facie*, u li jezistu kumulattivament.

Fil-kaz in ezami il-Qorti tinsab sodisfatta li *prima facie* jezisti dritt tar-rikorrent li jiftah twieqi, u ghalhekk l-iskrutunju tal-Qorti huwa limitat ghalhekk l-izvilupp propost huwiex ser icahhad lir-rikorrent milli jgawdi tali dritt darba ghal dejjem.

F`dan il-kuntest il-Qorti tinnota, primarjament, illi, anki kif notat lilha mill-perit tekniku Godwin Abela, il-permess PA03082/04 ghadu fl-istadju tal-appell quddiem il-MEPA u ghalhekk ghadu mhux esegwibbli. Dan il-fatt fih innifsu jindika illi il-kwistjoni ta` distanzi li jistghu jmorru kontra policies tal-MEPA ghada fil-process li tigi sindakata fil-forum apposta. F`dan il-kuntest, il-Qorti m`hijiex sodisfatta li jezisti l-element ta` danni irrimedjabbli rikjest mill-ligi kif kostantement interpretata minn dawn il-Qrati.

Il-Qorti hi tal-fehma li mhux bizzejjed li r-rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzju izda wkoll li tali pregudizzju irid ikun irriparabbli. Fil-kaz in ezami jekk il-permess mill-MEPA ma jinharigx definittivament jew jinhareg b`modifiki li jsegwu l-policies ta` distanzi, il-pregudizzju previst mir-rikorrenti jista` ma jsehhx.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi billi tirrevoka d-digriet taghha tat-3 ta` Mejju, 2007, u tichad it-talba definittivament.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------